

Brussell, 29 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13042/23

CDR 138

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir- Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Ġunju 2023¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Vincenzo BIANCO, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 11531/23.

3. Barra minn hekk, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Vincenzo BIANCO, il-Gvern Taljan ippropona² lis-Sur Antonio DECARO, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalit ta' Bari), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024. Wara l-ħatra tiegħu, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
4. Barra minn hekk, għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Antonio DECARO, il-Gvern Taljan ippropona³ lis-Sur Sandrino AQUILANI, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Vetralla* (Sindku tal-Muniċipalit ta' Vetralla), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13044/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 12699/23.

³ 12699/23.